



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 53/25

il-Lussemburgu, 29 ta' April 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-452/23 | Fastned Deutschland

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet li fihom konċessjoni tista' tiġi mmodifikata mingħajr proċedura ġdida ta' għoti

Il-possibbiltà li jiġi emendat, taħt ċerti kundizzjonijiet, kuntratt ta' konċessjoni mingħajr proċedura ġdida ta' għoti tapplika wkoll għal konċessjoni inizjalment mogħtija lil entità in house filwaqt li l-konċessjonarju sadanittant ikun ġie pprivatizzat

Fil-kuntest ta' tilwima dwar l-estensjoni ta' konċessjonijiet eżistenti għall-operat ta' żoni ta' servizzi fuq l-awtostradi Ġermaniżi għall-bini u t-tħaddim ta' punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija dwar il-possibbiltà li tipproċedi, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal tali estensjoni mingħajr proċedura ġdida ta' għoti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-fatt li l-konċessjoni kienet inizjalment ingħatat lil entità in house filwaqt li l-konċessjonarju kien fil-frattemp ġie pprivatizzat ma jipprekludix dan. Ma huwiex neċessarju li tiġi vverifikata r-regolarità tal-għoti inizjali tal-konċessjoni meta jkun skada kull terminu sabiex tiġi kkontestata. Il-kundizzjoni li l-modifika "ssir neċessarja" minħabba ċirkustanzi imprevedibbli tfisser li dawn tal-aħħar jeżiġu li l-konċessjoni inizjali tiġi adattata sabiex jiġi żgurat li l-eżekuzzjoni korretta tagħha tkun tista' tkompli.

Madwar 90 % taż-żoni ta' servizzi fuq l-awtostradi federali Ġermaniżi huma operati minn Autobahn Tank & Rast u Ostdeutsche Autobahntankstellen abbażi ta' madwar 360 kuntratt ta' konċessjoni konklużi mal-Istat Ġermaniż¹. Dan tal-aħħar, sussegwentement, estenda dawn il-konċessjonijiet eżistenti, mingħajr proċedura ta' għoti, għall-bini u t-tħaddim ta' punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi f'dawn iż-żoni. Fastned², li topera tali punti fil-Ġermanja, tikkontesta din l-estensjoni quddiem qorti Ġermaniża.

280 minn dawn it-360 konċessjoni kienu inizjalment ingħataw mingħajr sejħa għal offerti lill-predeċessor³ taż-żewġ operaturi inkwistjoni bejn l-1996 u l-1998, għal perijodu massimu ta' 40 sena. Dak iż-żmien, dan il-predeċessor kien miżmum 100 % mill-Istat Ġermaniż, qabel ma ġie kompletament ipprivatizzat.

Fastned qieset li l-estensjoni tal-konċessjonijiet għall-punti ta' ċċarġjar kienet invalida, peress li kellha tiġi ppreċeduta minn proċedura ta' għoti fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti Ġermaniża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għoti ta' konċessjonijiet li, minħabba l-valur tagħhom, għandhom, bħala prinċipju, ikunu miftuħa għall-kompetizzjoni⁴.

Waħda minn dawn ir-regoli tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet⁵, li tiġi emendata konċessjoni eżistenti mingħajr proċedura ta' għoti ġdida, ladarba din il-modifika "ssir neċessarja" minħabba ċirkustanzi imprevedibbli. Skont Fastned, din ir-regola ma kinitx tapplika għal konċessjonijiet li, oriġinarjament, ma ngħatawx fil-qafas ta' sejħa għal offerti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li r-regola inkwistjoni tapplika wkoll fil-każ fejn il-konċessjoni tkun ingħatat inizjalment, mingħajr sejħa għal offerti, lil entità in house⁶ u li l-modifika tas-suġġett ta' din il-konċessjoni ssir f'data li fiha l-konċessjonarju ma jkollux iktar il-kwalità ta' entità in house. Din ir-regola ma teżiġix li l-qrati nazzjonali

jistħarrġu r-regolarità tal-għoti inizjali ta' konċessjoni fil-kuntest ta' rikors intiż għall-annullament ta' modifika tagħha, meta jkun skada kull terminu sabiex jiġi kkontestat dan l-għoti inizjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża wkoll li l-modifika ta' konċessjoni "ssir neċessarja", fis-sens tal-istess regola, jekk ċirkustanzi imprevedibbli jeżiġu li l-konċessjoni inizjali tiġi adattata sabiex jiġi żgurat li l-eżekuzzjoni korretta tagħha tkun tista' tkompli.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Permezz ta' Autobahn des Bundes, kumpannija rregolata mid-dritt privat li hija proprjetà inaljenabbli tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

² Inizjalment, Tesla Germany ikkontestat l-modifika fil-konċessjonijiet flimkien ma' Fastned, iżda iktar tard irrinunzjat għall-proċeduri.

³ Tank & Rast AG.

⁴ [Direttiva 2014/23/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

⁵ Skont id-dispożizzjoni inkwistjoni, il-possibbiltà li tiġi mmodifikata konċessjoni mingħajr proċedura ġdida ta' għoti hija suġġetta għall-osservanza ta' tliet kundizzjonijiet. L-ewwel waħda tinkludi żewġ elementi li jirrigwardaw, l-ewwel wieħed, l-okkorrenza ta' ċirkustanzi li awtorità kontraenti diliġenti ma setgħetx tipprevedi u, it-tieni wieħed, il-fatt li dawn iċ-ċirkustanzi jirrendu neċessarja l-modifika tal-konċessjoni kkonċernata. It-tieni kundizzjoni teżiġi li l-modifika kkonċernata ma tbiddilx in-natura globali tal-kuntratt tal-konċessjoni inkwistjoni. It-tielet kundizzjoni timponi, bħala prinċipju, li ż-żieda tal-ammont ta' dan il-kuntratt ma tkunx oġġha minn 50 % tal-ammont tal-kuntratt tal-konċessjoni inizjali.

⁶ Skont ir-regoli applikabbli fiż-żmien tal-għotja inizjali ta' 280 minn 360 konċessjoni inkwistjoni, kienet ikkunsidrata bħala entità in house entità i) li fuqha l-awtorità kontraenti eżerċitat kontroll simili għal dak li eżerċitat fuq is-servizzi tagħha stess, u ii) li kienet wettqet l-essenzjali tal-attività tagħha ma' din l-awtorità kontraenti.